MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 34/2011

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta’ estera Nokia Corporation u tas-socjeta’ estera Sony Ericsson Mobile Communications AB**

**vs**

**Dr. Yana Micallef Stafrace u P.L. Noel Scerri gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti kunsinjatarju EURL AISSAOUI AISSA IMPORT-EXPORT b’digriet tat-30 ta’ Marzu 2011**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-14 ta’ Jannar 2011 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera Nokia Corporation ta' Keilalahdentie 4, 02150 Espoo, Finland, u ta' Sony Ericsson Mobile Communications AB ta' NYA Vattentornet SE-221 88 Lund, Sweden sabiex jirraprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom;

2. Illi s-socjeta' rikorrenti Nokia Corporation hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati mal-Ufficcju tal-Proprjeta Industrijali ta' Malta msejjha 'NOKIA', liema drittijiet gew registrati f'Malta fit-tmintax (18) ta' Ottubru elfejn u wiehed (2001), u moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok. NC1 u NC2) kif ukoll tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* ta' l-Unjoni Ewropea : (a) *community trademark* 'NOKIA', liema dritt gie registrat fit-3 ta' Jannar 2006 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 4035663 (Dok. NC3);

3. Illi s-socjeta' rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs,* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea: (a) is-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-27 ta' Marzu 2002 u moghti n-numru ta' registrazzjoni E2634632 (Dok. SEMC1); (b) il-kelma SONY moghti n-numru ta' registrazzjoni 000000472 (Dok. SEMC2) mis-socjeta' estera Sony Corporation li awtorizzat lis-socjeta' attrici Sony Ericsson Mobile Communications AB sabiex tipprocedi kontra kull vjolazzjoni tad-dritt ta' proprjeta intelletwali skond l-*consent form* datata 2 ta' Novembru 2010 (Dok. SEMC3); u (c) il-kelma ERICSSON liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta' Jannar 2000 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 001459130 (Dok. SEMC4) mis-socjeta' estera Telefonaktiebolaget L M Ericsson u li awtorizzaw lis-socjeta' attrici Sony Ericsson Mobile Communications AB sabiex tipprocedi kontra kull vjolazzjoni tad-dritt ta' proprjeta intelletwali skond l-affidavit datat 14 ta' Novembru 2006 u l-*consent form* datata 1 ta' Novembru 2010 (Dok. SEMC5);

4. Illi fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) r-rikorrenti nomine gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container bin-numru GATU 4375792 li dahal gewwa l-Port Hieles fis-17 ta' Novembru 2010 fuq il-vapur CMA CGM MOLIERE liema container kien fih total ta' erbghin elf u sitt mija (40,600) accessorju tal-mobiles li kienu jinkludu *chargers, batteries, display stands u covers* (Dok. NC4) kollha bil-marka 'NOKIA' anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-mobiles u total ta' sittax-il elf u hames mitt (16,500) accessorju tal-mobiles li kienu jinkludu *chargers, batteries u display stands* (Dok. SEMC6) kollha bil-kliem SONY ERICSSON, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravvjenu dritt ta' proprjeta intelletwali;

5. Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti nomine jirrizulta li dawn l-accessoriji tal-*mobile phone* mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li: (a) ic-*chargers, batteries, display stands u covers* NOKIA, fihom il-kelma NOKIA u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Nokia Corporation, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta intelletwali ta' Nokia Corporation u r-rapport tal-istess ser jigi esebit fil-mori tal-kawza; u (b) ic-*chargers, batteries u display stands* Sony Ericsson, fihom il-kliem SONY u ERICSSON u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Sony Ericsson Mobile Communications AB, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta intelletwali ta' Sony Ericsson Mobile Communications AB u r-rapport ta' l-istess anness u mmarkat bhala Dok. SEMC 7;

6. Illi r-rikorrenti nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex a tenur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

7. Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija

huwa 'To Order of Trust Bank Algeria u n-*Notify Party* huwa 'EURL AISSAOUI AISSA IMPORT-EXPORT minn Algeria, dan skond dak citat fil-polza ta' taghbija numru SHZ1065484 (Dok. PF1);

8. Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-artikolu 2(1)(a) u (b) u l-artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tad-disposizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikoli 7 u 8 ta' l-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi r-rikorrenti nomine Av. Peter Fenech jiddikjara li huwa jaf il-fatti esposti in parte personalment, in parte mill-informazzjoni moghtija lilu mis-socjetatjiet rikorrenti u in parte mill-informazzjoni u d-dokumenti moghtija lilu mill-Kontrollur tad-Dwana;

10. Illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom kull interess li jippromwovu din l-azzjoni gudizzjarja sabiex jikkawtelaw u jenforzaw l-jeddijiet taghhom;

11. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'*mobile phone chargers, batteries, display stands* u *covers* li fuqhom hemm il-kelma 'NOKIA' u *mobile phone chargers, batteries u display stands* li fuqhom hemm il-kliem 'SONY' u 'ERICSSON' u li jinsabu prezentement taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru GATU 4375792 kontenenti l-imsemmija *accessoriji tal-mobiles*, huma kontrafatti skond l-artikoli 2(1) (a) u (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intelletwali tas-socjeta' rikorrenti Nokia Corporation, fir-rigward tat-trademarks taghha 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok. NC1 u NC2) kif ukoll il-*community trademark* 'NOKIA' moghti n-numru ta'

registrazzjoni 4035663 (Dok. NC3), u tas-socjeta’ rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB, fir-rigward tat-trademarks taghha: (a) is-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’ moghti n-numru ta’ registrazzjoni E2634632 (Dok. SEMC1); (b) il-kelma ‘SONY’ moghti n-numru ta’ registrazzjoni 000000472 (Dok. SEMC2); u (c) il-kelma ‘ERICSSON’ moghti n-numru ta’ registrazzjoni 001459130 (Dok. SEMC4) u jivvjolaw l-artikolu 2(1) (a) u (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan okkorrendo bin-nomina ta’ esperti nominati ghal dan il-fini;
2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali *accessoriji tal-mobiles* ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjetajiet rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-*accessoriji tal-mobiles* f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija *accessoriji tal-mobiles* ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna ghall-lok eventwali ta’ distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess *accessoriji tal-mobiles*;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. NC1 sa Dok. NC4, Dok. SEMC1 sa SEMC7, u Dok. PF1;

Rat id-digriet tat-30 ta’ Marzu 2011 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tat-3 ta’ Mejju 2011 fejn ecceppew:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-istess kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-4 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Peter Fenech nomine li ddikjara li l-provi kollha da parti tal-atturi huma konkluzi. Dehret ukoll Dr. Yana Micallef Stafrace bhala kuratur li ddikjarat li m'ghandhiex provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-24 ta' Mejju 2011;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li is-socjetajiet attrici huma proprjetarja rispettivament ta' diversi markju Nokia liema markju hu registrat fir-Registru tal-Markji f'Malta taht Trademarks numri 33323 u 33324 u dik Komunitarju numru 4035663, u tal-markju Sony Ericsson li fost ohrajna ghandha s-simbolu 'Liquid Identity' u l-kelma 'Sony' u 'Ericsson' registrati fir-Registru tal-Markji Komunitarju bin-numri E2634632, 000000472 u 001459130.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'*container* Numru GATU4375792 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM MOLIERE li kien diehel Malta fis-17 ta' Novembru 2010 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta' accessorju ta' mobile phone u display stands li jgibu l-markji distintiv tas-socjetajiet rikorrenti liema konsenja tikkonsisti b'kollox f'seba' u hamsin elf u mitt (57,100) accessorju li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess

oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 13 ta' Jannar 2011 (Dok. NC5) maghmul minn Angel Escoriaza, Legal Counsel Brand Enforcement tas-socjeta' rikorrenti Nokia u mir-rapport ta' Josefine Liebert, Information Manager fl-Anti-Counterfeit Department tas-socjeta' Sony datat 22 ta' Dicembru 2010 (Dok. SEMC7).

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta` attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skont il-ligi, u fit-terminu ndikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat esebiti bhala Dok. NC1 sa Dok. PF1 u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza Dok. PF2 sa NC5 li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. PF3) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' Angel Escoriaza u Josefine Liebert li kkonfermaw li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni ta' l-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta' George Agius (Dok. PF3) datat 2 ta' Mejju 2011. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

## Konkluzzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-seba' u hamsin elf u mitt (57,100) accessorju tal-mobile phones in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona

hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ seba’ u hamsin elf u mitt (57,100) accessorju ta’ mobile phones b’Container Numru GATU4375792 da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravjenu d-dritt ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 [Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)] u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f’isem is-socjetajiet rikorrenti;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex abbazi ta’ l-ewwel zewg talbiet attrici fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza
jiddistruggi l-accessjorju ta’ mobile phones in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta` intimata, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjeta` intimata thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tas-seba’ u hamsin elf u mitt (57,100) accessorju ta’ mobile phones in kwistjoni, u ta’ l-ispejjez ta’ l-Ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal- Kap. 414 kif jirrizulta mill-affidavit tar-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana Dok. PF3;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’/entita’ konvenuta b’dan li lkuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------